# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hamsa (5) ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru 250/15 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 1860/15 mibghuta a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 fl-ismijiet**

**Automted Revenue Management Services Limited, Enemalta plc u Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma**

**vs**

**Ignazio Licari**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl 24 ta' Awissu 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti s-segwenti:

1. *Illi permezz ta' l-ittra ufficjali sucitata datata 4 ta' Awwissu 2015, s-socjetajiet intimati talbu lir-rikorrenti ammont ta' sitt elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u sitta u sittin centezmu (€6,658.66) rapprezentanti allegat bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku u spejjez ohra relattivi ghal tliet kontijiet li jgibu n-numri 101000092613, 101000174065 u 101000183311 rispettivament;*

2. *Illi permezz ta' dikjarazzioni guramentata pprezentata kontestwalment ma l-imsemmija ittra ufficjali, Reuben Bonnici, ghan-nom tas-socjetajiet intimati iddikjara bil-gurament illi r-rikorrenti huwa debitur fil-konfront ta' l-intimati ghall-ammont ta' tmient elef erba mija u wiehed u sebghin ewno u hamsin centezmu (€8,471.50) rapprezentanti allegat bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku u spejjez ohra relatati mat-tliet kontijiet indikati fil-paragrafu precedenti u fl-ittra ufficiali msemmija;*

3. *Illi r-rikorrenti gja kkontesta ghal diversi drabi dawn l-istess kontijiet, fosthom permezz ta' att gudizzjarju fl-atti ta' l-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A bin-*

*numru 409/08 u wara li ghal darba ohra gie notifikat bl-ittra ufficjali u bid-dikjarazzjoni guramentata msemmija qieghed ghal darb' ohra jerga jikkontesta l-istess bhala mhux dovuti permezz ta' dina l procedura, u dan, inter alia, ghar-ragunijiet li gejjin:-*

i. *(i) Illi in linea preliminari l-ammont iddikjarat bil-gurament bhala dovut minn Reuben Bonnici fid-dikjarazzjoni guramentata annessa ma l-ittra u sucitat mhux konsistenti ma dak l-ammont indikat fl-istess fl-ittra ufficjali;*

ii. *(ii) Illi wkoll in linea preliminari, l-procedura adottata mis-socjetajiet intimati hija irrita u nulla stante illi l-procedura a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal Ligijiet ta' Malta ma tapplikax ghal kaz in ezami in kwantu illi r-rikorrenti ilu li kkontesta dawn l-istess kalkoli ma' l-istess intimati inkluz permezz ta' gudizzjarju fl-atti ta' l-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 409/08 (vide IL 1) u sahansitra s-sottoskritt bhala r-rapprezentant legali tar-rikorrenti kien addirittura qieghed jistenna minghand in-rapprezentant legali tas-socjetajiet intimati dwar dawn l-istess kontestazzjonijiet li ngiebu a formali konjizzjoni ta' l-istess socjetajiet intimati zmien ilu, u dan kif ser jirrizulta fil konjizzjoni ta' l-istess socjetajiet intimati mori ta' dawn il proceduri jekk ikun il-kaz;*

iii. *(iii) Illi fil-mertu fir-rigward ta' l-allegat bilanc fuq it-tliet kontijiet imsemmija, ir-rikorrenti ghal darbohra jikkontesta l-istess bhala mhux dovuti ghar-ragunij gejjin.*

*(a) Fir-rigward tal-kont bin-numru 101000092613, u cioe l-allegat bilanc ta' sebgha mija, wiehed u hamsin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€751.83) ghas-servizzi msemmija gewwa il-fond 'Nohum Garage' tal-Gwardamangia, I-esponenti kien biss, ghal xi zmien, stralcjarju tal-kumpannija Victor Estates Co. Ltd, li kienet il-proprietarja' ta' dan il-fond sad-data illi dan gie mibjugh lil P.J.P.C Constructions Limited fil-21 ta' Dicembru 1990. Kopja tal-att tal beigh relattiv qieghed jigi anness u mmarkat Dok. IL 2. Ghalhekk, bl-aktar mod skjett huwa evidenti illi r-rikorrenti huwa terz fdan ir-rigward*

*(b) Fir rigward tal-kont bin-numru 101000174065, u cioe' l-allegat bilanc ta' tlett elef mitein u tmienja u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€3,288.71) ghas-servizzi msemmija gewwa l-fond bl-indirizz 37, St Joseph, Triq San Frangisk, Bormla jinghad illi dan l-imsemmi fond ilu battal minn Jannar sena 1996. L-esponenti sa minn dak iz zmien ta' struzzjonijiet lill-intimati sabiex jwaqafu s-servizzi tad-dawl u l-ilma f'dan il-fond. In oltre, l-esponenti kemm-il darba attenda personalment fl-ufficji tal-kumpanniji intimati u talab biex jitnehhew l-arloggi minn dan il-fond. Minkeija dan, l-intimati bagghu inadempienti. Ghalhekk bl-aktar mod skjett huwa evidenti illi l-ebda ammont ma ghandu jigi attribwit u/jew ghandu jkun b'xi mod u manjiera dovut mill esponenti lill-intimati jew min minnhom;*

*Illi ad oltranza, jirrizulta illi fir-rigward ta' dan il-fond r-rikorrenti mhux talli ma huwiex debitur intimati, izda addirittura l-intimati nagsu milli jirrifonduh bilanc li huwa kien imgieghel ihallas mill-intimati stess fuq kontijiet mahruga lilu bi stima ta' konsum u li kienu rrizultaw skorretti;*

(c) *Fir rigward tal-kont bin-numru 101000183311, u cioe' l-allegat -bilanc ta elfejn sitt mija u tmintax-il ewro u tnax-il centezmu (€2,618.12) ghas-servizzi msemmija fil-fond 'Goodluck Garage' ta' Triq il-Polverista, Bormla, jinghad illi dan l-imsemmi fond ilu battal mis-sena 2002. L- esponenti sa minn dak iz-zmien kien ta struzzjonijiet lill-intimati sabiex jaqtghu s-servizzi tad-dawl u l-ilma u sabiex jitnehhew l-arloggi minn dan il- fond. Minkeija dan l-intimati bagghu inadempjenti. In oltre, l-ahhar qari tal- arloggi li sar fit-13 ta' Meiju 2006 irrizulta illi konsum ma kien hemm xejn. Kopja ta' dan il qari qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok. IL3. Ghalhekk bl-aktar mod skjett huwa evidenti illi l-ebda ammont ma ghandu jigi attribwit u/jew ghandu jkun b'xi mod u manjiera dovut mill-esponenti lill-intimati jew min minnhom.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost r-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-intimati, kif dedotta fl-ittra ufficiali bin-numru 1860/15 u fid- dikjarazzioni guramentata annessa ma l-istess ittra, bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, salv provvedimenti u dikjarazzjonijiet ohra illi dina l-Onor. Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat id-dokumentazzjoni ppresentata mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta ta' Reuben Bonnici et ippresentati fl-20 ta' Jannar 2016 fejn laqghu ghal dak mitlub billi qalu s-segwenti:

*Illi t-talba kkontenuta fir-rikors tal-intimat hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrieh u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi l-intimat debitur tas-socjeta esponenti fl-ammont ta' sitt elef sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrativi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut fuq l-Ammont skont il-Ligi relatat mal kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000092613, 101000174065 un 101000183311*

2. *Illi l-ammont reklamat permezz tal-ittra ufficiali intavolata appozitament taht I artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghadu dovut mill-intimat f-intier tieghu*

3. *llli in kwantu ghall-kont 101000092613 rigwardanti l-fond 'Nohum Garage', Gwardamangia l-intimat qatt ma informa lill-esponenti dwar l-allegat trasferiment u fl-ebda stadju ma giet sottomessa applikazzjoni biex il-kont jigi trasferit fuq terza persuna.*

4. *Illi fir-rigward tal kontijiet bin-numri 101000174065 u 101000183311, ghandu jinghad illi l-fatt li l-fondi fornuti bis-servizzi a' dawl u ilma ilhom battala ghal numru l-fondi ta' snin, ma jezonerax lill-intimat mill-obbligu tieghu li jhallas l-ammonti pendenti. Inoltre, mhuwiex minnu li l-intimat ta struzzjonijiet lis-socjeta' esponenti twaqqaf is-servizzi ta' dawl u ilma.*

5. *Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi mill-mittenti sabiex ihallas l-ammont dovut izda dan inutilment kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*Illi di piu ma hemm l-ebda raguni valida ghal din inadempjenza u l-intimat att ma kkontesta l-Ammont dovut.*

Rat in-nota b'dokumenti ppresentata mir-rikorrenti fis 17 ta' Marzu 2016.

Rat in-nota b'dokumenti ippresentati mir-rikorrent fl-20 ta' Gunju 2016.

Rat l-atti tal-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, Nru 1860/15, esebiti mir-Registratur tal-Qorti permezz ta' nota fit 13 ta' Lulju 2016. (fol 42).

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Ignazio Licari** moghtija fit 28 ta' Novembru 2016 (fol 48) u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ulterjuri tar-rikorrent **Ignazio Licari** moghtija fit 12 ta' Gunju 2017 (fol 78) u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit-12 ta' Gunju 2017 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici** moghtija fil 5 ta' Ottubru 2017 (fol 84) flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fid 9 ta' Novembru 2017 is-socjeta intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fl-14 ta' Dicembru 2017.

Rat is-sottomissjonijiet tas-socjeta intimata ippresentati fil-5 ta' Frar 2018.

Rat illi fil-5 ta' Frar 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent ghandu registrat fuq ismu tlett kontijiet tad-dawl u ilma in konnessjoni ma' tlett postijiet differenti.

Jirrizulta illi tali kontijiet huma s-segwenti:

- Kont Nru 101000092613 fl-indirizz 'Nohum Garage', Triq il-Mimosa, Gwardamangia
- Kont Nru 101000174065 fl-indirizz 'St. Joseph', 37, Triq San Frangisk, Bormla
- Kont Nru 101000183311 fl-indirizz 'Goodluck Garage' Triq il-Polverista, Bormla

Jirrizulta illi l-kont tal-fond 'Nohum Garage' kellu bilanc ta' €751.83 dovut lis-socjeta intimata.

Jirrizulta illi l-kont tal-fond 'St. Joseph' kellu bilanc ta' €3,288.71 dovut lis-socjeta intimata.

Jirrizulta illi l-kont tal-fond 'Goodluck Garage' kellu bilanc ta' €2,618.12 dovut lis-socjeta intimata.

Jirrizulta illi t-total ta' dawna t-tlett kontijiet jammonta ghal €6,658.66.

Jirrizulta illi r-rikorrent sahaq li huwa kien ikkontesta tali kontijiet fis-sena 2008 u kien sahansitra ta' struzzjonijiet lis-socjeta intimati sabiex iwaqqfu s-servizzi fil-fondi 'St. Joseph' u 'Goodluck Garage' izda s-socjeta intimati ma ghamlu xejn.

**Ikkunsidrat**

Fir-rikors promotur tieghu, ir-rikorrent qajjem zewgt kwistjonijiet preliminari illi jkun opportun illi dina l-Qorti tikkonsidra f'dana l-istadju.

Ir-rikorrent jikkontendi illi l-azzjoni hija nulla ghas-segwenti ragunjiet:

- ghax l-ammont indikat fid-dikjarazzjoni guramentata ma huwiex l-istess bhal dak indikat fl-Ittra Ufficjali

- ghax l-Ittra Ufficjali intbghatet ghalkemm kien hemm kontestazzjoni bil-miktub da' parte tar-rikorrent fuq il-kontijiet meritu tal-Ittra Ufficjali.

Ikun opportun, ghalhekk, illi ssir referenza ghall-Artikolu tal-Ligi illi abbazi taghha s-socjeta intimati baghtu l-Ittra Ufficjali lir-rikorrent, li issa huwa qieghed jikkontesta.

L-Artikolu 466 jipprovdi dan li gej;

> *(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, <u>huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut</u>:*
>
> *Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda <u>ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter</u>*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra t-tieni eccezzjoni l-ewwel u qabel kollox.

Jirrizulta illi kif jinghad fil-Ligi, ebda azzjoni ma ghandha tittiehed abbazi tal-Artikolu 466 jekk ikun hemm xi kontestazzjoni da parte tal-persuna kontra min dina tintbghat.

Il-Qorti tosserva illi l-hsieb wara tali legislazzjoni kienet dik illi tipprovdi ghal procedura sommarja specjali illi biha entitajiet pubblici setghu jigbru dak illi kien lilhom dovut.

Il-Qorti, madanakollu, f'dana l-istadju, ma tistax ma taghmilx analogija mal-procedura sommarja specjali esistenti fl-Artikolu 167 ta' l-istess Kap 12, li wkoll tipprovdi ghal tali procedura spedita, ghalkemm din id-darba, dina tapplika fil-kazi ta' rikorsi guramentati.

Fl-Artikolu 167 (1) huwa specifikat illi tali procedura sommarja specjali hija applikabbli biss "*għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq, illi ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt*". Dana jfisser illi, f'kaz illi hemm xi kontestazzjoni precendenti da' parte tal-persuna kontra min ser tittiehed dina l-azzjoni ghal gbir ta'flejjes, allura l-procedura sommarja abbazi tal-Artikolu 167 ma tistax tigi adoperata.

B'analogija ma' tali artikolu, l-istess jista jinghad dwar l-azzjoni intentata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 f'kaz ta' "*ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati".*

Dana qieghed jinghad ghax il-ligi taghmilha cara illi l-proceduri kkontemplati fl-Artikolu 466, fejn jirrigwardaw ammonti in konnessjoni ma' ilma u elettriku u kiri tal-meters "*ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*"

Dana jfisser illi jekk l-utent tas-socjetajiet intimati ikun, permezz ta' att gudizzjarju jew ittra registrata, ikkontesta l-kontegg jew il-kont, allura l-ammont dovut ma jistax jitqies bhala "*cert, likwidu u dovut*" u ghalhekk s-socjetajiet intimati ma jistghux jadoperaw l-ghodda moghtija lilhom a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12, izda jkollhom bilfors jniedu proceduri permezz ta' rikors jew rikors guramentat, skond il-valur tal-pendenza.

Jirrizulta illi, fil-kaz odjern, ir-rikorrent jikkontendi illi huwa ippresenta ittra gudizzjarja in konnessjoni ta' tali konteggi u, ghal dan il-ghan, huwa jippresenta record ufficjali mahruga mill-Qorti li giet ippresentata Ittra mir-rikorrent kontra il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma fid 29 ta' Jannar 2008.

Madanakollu, ghalkemm r-rikorrent ippresenta tali dokumentazzjoni, l-aktar dokumentazzjoni importanti u rilevanti ghal kaz, ossija l-Ittra Gudizzjarja per se, baqghet qatt ma giet prodotta mir-rikorrent, u ghalhekk, ghalkemm kellu bazi illi jikkontesta tali Ittra fuq tali difiza, li huwa ressaq f'para 3 (ii) tal-eccezzjonjiet tieghu, huwa naqas milli jressaq l-ahjar prova mehtiega f'dana il-kaz, u r-records minnu esebiti ma huma ebda indikazzjoni dwar x'kien attwalment il-meritu tal-Ittra. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent illi jzomm kopja tal-Ittra ghall-uzu tieghu fil-futur, liema nuqqas ma jistax hlief ma jwassalx lill-Qorti biex tikkonkludi illi tali difiza ma tistax tirrizulta.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni preliminari ma tirrizultax ippruvata.

## Ikkunsidrat

It-tieni eccezzjoni prelimiari illi ser tikkonsidra l-Qorti hija attwalment l-ewwel wahda minnu mressqa, kif jidher fil-para 3 (i) tal-eccezzjonijiet tieghu, fejn eccepixxa illi l-ammont indikat fl-Ittra Ufficjali ma huwiex l-istess ammont indikat fid-Dikjarazzjoni Guramentata mehtiega fl-Artikolu 466 tal-Kap 12.

Jirrizulta, di fatti, illi filwaqt illi fl-Ittra Ufficjali (fol 43), jinghad illi l-ammont dovut mir-rikorrent huwa ta' "*sitt elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u sitta u sittin centezmu €6,658.66*", fid-Dikjarazzjoni Guramentata hemm indikat illi l-ammont dovut huwa ta' tmient elef, erba mija wiehed u sebghin Euro u hamsin centezmu (€8,471.50).

Il-Qorti tosserva illi Dikjarazzjoni Guramentata li tkun annessa mal-Ittra Ufficjali, taghti s-sahha ta' Ligi lill-Ittra Ufficjali sabiex tigi kkunsidrata bhala Titolu Ezkuttiv f'kaz illi ma tigix kkontestata entro terminu ta' zmien, bhalma jesisti wkoll, b'analogija, fl-Ittra Ufficjali taht l-artikolu 166A tal-Kap 12.

Ghalhekk, jekk l-ammont attwalment mitlub mis-socjeta intimati fl-Ittra Ufficjali ma huwiex l-istess bhal l-ammont illi dwaru ittiehed gurament mir-rappresentant tas-socjetajiet intimati, it-talba kontenuta fl-Ittra Ufficjali ma tistax titqies bhala kkonfermata u ghalhekk hija infondata peress illi ma hijiex konfortata b-Dikjarazzjoni Guramentata.

Issa, fil-kaz odjern, jidher car illi filwaqt li fl-Ittra Ufficjali jinghad illi r-rikorrent huwa debitur lejn is-socjetajiet intimati fl-ammont ta' €6,658.66, fid-Dikjarazzjoni Guramentata, mill-banda l-ohra, jinghad illi l-ammont dovut huwa attwalment ta' €8,471.50, diskrepanza tali illi ma tistax ma twassalx lill-Qorti biex tikkonkludi illi t-talba kontenuta fl-Ittra Ufficjali, li qieghed jikkontesta ir-rikorrent, hija wahda infondata.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti miz-zewgt partijiet,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi dina l-vertenza billi,

**Tilqa** l-ewwel eccezzjoni preliminari mqajjma fil-paragrafu 3 (i) tal-eccezzjonjiet tar-rikorrenti;

**Tichad** it-tieni eccezzjoni preliminari mqajjma fil-paragrafu 3 (ii) tal-eccezzjonijiet tar-rikorrenti;

**Tastejni** milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra mqajjma mir-rikorrenti, u

**Tiddikjara** l-Ittra Ufficjali Nru 1860/2015 mibghuta a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala wahda infondata.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-socjetajiet intimati Automated Revenure Management Services Limited, Enemalta plc u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma *in solidum* bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur